



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2012/2293(INI)

21.3.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar l-akkomodazzjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea
(2012/2293(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Salvatore Caronna

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza r-rwol importanti mwettaq mill-Parlament Ewropew fir-rigward tal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar u fl-iżgurar li l-akkomodazzjoni soċjali kienet eliġibbli għall-finanzjament kemm fl-imgħoddi kif ukoll taħt ir-regolamenti l-ġodda dwar il-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni bil-ħsieb li jkomplu jiġu esplorati ulterjorament politiki innovattivi biex jinħolqu sinerġiji u sħubijiet fil-livell nazzjonali, dak reġjonali u dak lokali; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat appoġġ immirat għall-pajjiżi tal-UE li jkunu qed jiffaċċjaw żieda fil-qgħad u sitwazzjonijiet ta' faqar; ihegġegħ, għalhekk, lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati kollha jagħtu lill-investimenti favur l-akkomodazzjoni soċjali post prominenti fil-programmi nazzjonali ta' riforma u fit-tiswir ta' prijoritajiet strateġiċi taħt il-ftehimiet ta' sħubija għall-perijodu ta' programmazzjoni tal-2014-2020;
2. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea, abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki u esperjenza bejn l-Istati Membri u filwaqt li jitqies il-fatt li l-akkomodazzjoni soċjali hija kkonċepita u ġestita b'modi differenti (spiss minħabba l-flessibilità fl-istabbiliment tal-prijoritajiet) fl-Istati Membri, fir-reġjuni u fil-komunitajiet lokali, tiċċarata d-definizzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali;
3. Jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni Ewropea għall-pakkett ta' regolamenti leġislativ dwar il-politika ta' Koeżjoni ta' wara l-2014, li jagħmlu provvedimenti sħiħ għall-ilħiq tal-għanijiet tal-UE 2020 ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, permezz ta', inter alia, investiment prijoritarju fl-effiċjenza enerġetika, il-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, it-trawwim ta' politiki ta' żvilupp urban u territorjali integrat, pereżempju permezz ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità (ŻLMK) u investiment territorjali integrat (ITI), u miżuri biex tiġi appoġġjata ekonomija soċjali u bbażata fuq is-solidarjeta' u jiġu eliminati l-esklużjoni soċjali u l-faqar, kif ukoll l-inugwaljanzi fis-saħħa, billi l-komunitajiet emarġinati u gruppi oħra vulnerabbli u żvantaġġjati tal-popolazzjoni bħalma huma dawk bla dar, in-nisa, ix-xjuħ, u l-persuni b'diżabilità jiġu pprovduti aċċess għal akkomodazzjoni u servizzi soċjali ta' kwalità għolja bi prezzijiet raġjonevoli; jiġbed l-attenzjoni għall-punt li l-bini u l-irranġar mill-ġdid tal-akkomodazzjoni soċjali – filwaqt li jiġu applikati miżuri biex jiġi mrażżan it-tifrix urban – għandhom imorru id f'id mal-iżvilupp tal-infrastruttura pubblika u soċjali, fejn applikabbli reżistenti għat-terremoti;
4. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jinvolvu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali u lis-sħab kollha u lill-organizzazzjonijiet rappreżentanti tagħhom, skont il-prinċipji ta' sħubija u ta' governanza f'diversi livelli – minħabba l-fatt li huwa għandhom li ċ-ċittadini jirrikorru primarjament – u jistabbilixxu prijoritajiet u metodi ta' kif għandhom jintużaw, fi ħdan il-qafas ta' ftehimiet ta' sħubija u programmi operazzjonali fuq bażi konġunta u koordinata, kulfejn ikun possibbli, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond ta' Koeżjoni (FK) u, fil-każ tal-akkomodazzjoni soċjali f'żoni rurali u fi bliet żgħar u ta' daqs medju, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR); iqis li sinerġiji akbar bejn il-Fond Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni jkunu

jistgħu jinkoraġġixxu l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni żvantaġġjati jew rurali, filwaqt li jipprevjenu l-iżolament u d-depopolazzjoni tagħhom, u b'hekk jiġu evitati l-effetti negattivi tas-segregazzjoni soċjali u jiġu promossi l-eteroġeneità, il-koeżjoni soċjali u l-ugwaljanza bejn is-sessi;

5. Jistieden lill-Bank Ewropew tal-Investment, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, ikabbar l-investment fis-settur tal-akkomodazzjoni soċjali;
6. Jinnota li l-investment fl-akkomodazzjoni soċjali jwettaq parti importanti fl-implimentazzjoni ta' oqsma oħra ta' politika u għandu, inter alia, impatt ta' ġid fuq l-ekonomija lokali f'dawk li huma tkabbir u ħolqien tal-impjiegi, fuq l-inklużjoni soċjali u fuq il-ġlieda kontra t-tifqir, fuq l-appoġġ għall-mikrointrapriżi u SMEs lokali u fuq il-promozzjoni tal-mobilità okkupazzjonali; barra minn hekk, l-akkomodazzjoni sana tippromwovi l-benesseri individwali u s-saħħa pubblika u tħares lill-ambjent b'mod ġenerali; f'dan il-kuntest, jenfasizza l-ħtieġa li jiġu esplorati u ddefiniti l-aħjar Prattiki, li tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u li jiġi vvalutat il-progress tagħhom fl-implimentazzjoni ta' dawn l-aħjar Prattiki;
7. Iqis li l-investment fl-akkomodazzjoni soċjali jista' jwettaq rwol adegwat, konkret u effikaċi fit-titjib tal-governanza ekonomika tal-Ewropa b'mod ġenerali u l-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali tagħha b'mod partikolari billi jindirizza b'mod deċiżiv il-bżiejaq tal-prezzijiet immobiljari, pereżempju billi jiġġieleed kontra t-tendenzi spekulattivi fil-bini tad-djar u l-effett ta' diżordni li għandhom fuq is-soċjetà u fuq l-istabilità makroekonomika, speċjalment waqt li qed niffaċċjaw il-konsegwenzi soċjali tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, ir-restrizzjonijiet baġitarju u r-rata baxxa ta' tkabbir fl-UE;
8. Jirrimarka li l-akkomodazzjoni hija assi soċjali prezzjuż li hu r-responsabbiltà speċjali tal-Istati Membri, ir-reġjuni u l-awtoritajiet lokali; għalhekk, għandhom jagħmlu kull sforz biex joħolqu modi kif għandhom jippromwovu l-bini ta' akkomodazzjoni li jkun bi prezz baxx u enerġetikament effiċjenti, biex tiġi eliminata kull diskriminazzjoni fid-distribuzzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali u biex jissimplifikaw il-proċeduri ta' kif dak li jkun japplika għal tali akkomodazzjoni u biex din l-akkomodazzjoni tiġi allokata, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni tal-persuni żvantaġġjati;
9. Jagħti importanza partikolari, fid-dawl tal-iżbilanċi soċjali eżistenti fl-Ewropa u b'mod partikolari fil-pajjiżi li aderew reċentement, lill-isforzi li tagħmel l-Unjoni Ewropea biex tappoġġja lill-klassijiet soċjali żvantaġġjati, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-provvediment tal-akkomodazzjoni.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	19.3.2013						
Riżultat tal-votazzjoni finali	<table style="width: 100%; border-collapse: collapse;"> <tr> <td style="width: 60%;">+:</td> <td style="text-align: right;">37</td> </tr> <tr> <td>–:</td> <td style="text-align: right;">0</td> </tr> <tr> <td>0:</td> <td style="text-align: right;">3</td> </tr> </table>	+:	37	–:	0	0:	3
+:	37						
–:	0						
0:	3						
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Catherine Bearder, Jean-Jacob Bicep, Alain Cadec, Salvatore Caronna, Nikos Chrysogelos, Rosa Estaràs Ferragut, Danuta Maria Hübner, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Mojca Kleva Kekuš, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Ramona Nicole Mănescu, Riikka Manner, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Miroslav Mikolášik, Jens Nilsson, Wojciech Michał Olejniczak, Younous Omarjee, Markus Pieper, Monika Smolková, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Justina Vitkauskaite, Hermann Winkler, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska						
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Vasilica Viorica Dăncilă, Karima Delli, Cornelia Ernst, Ivars Godmanis, Karin Kadenbach, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Ivari Padar, Mirosław Piotrowski, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Patrice Tirolien, Derek Vaughan						